MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 9/1999/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Xuereb, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Saviour Xuereb**

**Vs**

**Joseph Panzavecchia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma ta' Lm290.34 (mitejn u disghin lira u erbgha u tletin centezmu) jew somma ohra verjuri li din l-Qorti toghgobha tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni sofferti mill-attur b'risultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vettura GVN 098 u AAJ 238, fis-17 ta' Marzu 1998, f'G'Mangia, stante li l-konvenut unikament responabbli ghall-incident in kwistjoni

minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku daparte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' interprellazzjoni permezz t'att gudizzjarju ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12.

Illi kif se jinghad waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-vettura AAJ 238 kienet tinsab fuq in-naha l-hazina tat-triq meta wiehed iqis li kienet hierga minn Triq Hookham Frere Gwardamangia, ghal go Pjazza Pietru Xuereb u ghalhekk dahlet fil-linja tal-mixi tal-vettura GVN 098.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub bhala danni huwa esagerat stante li l-vettura AAJ 238 sofriet danni hfief hafna.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ispejjez mitluba permezz tal-avviz huma wkoll esagerati stante li l-ispejjez li jistghu jintalbu huma biss dawk tar-registru. Barra minn hekk, il-konvenut ma jistax jitlob spejjez ta' ittra ufficjali li hu qatt ma baghat.

Illi ghaldaqstant l-incident gara unikament tort tal-attur Saviour Xuereb u sforz it-traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tieghu u ghalhekk il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni kagunati f'dan l-incident.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha " .. huwa jcedi l-ewwel eccezzjoni tieghu".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident kien gie investigat minn PS 86 Anthony Lia (fol 19 sa fol 22 tal-istess atti) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz u minn dawn id-dokumenti jidher li l-incident in esami, gara ghall-habta tad-9.am Pjazza Pietru Xuereb fejn din tisbokka ghal Triq Pietru Xuereb, deskritta, fl-imsemmi rapport bhala “T junction” aventi “dual carriage way” u “stop sign” (ara fol 21 ibid) skond l-istess rapport, fejn ma jidhirx li gie verbalizzat dak li stqarrew iz-zewg sewwieqa involuti f’dan l-incident, hemm imnizzel illi l-karrozza minn AAJ 238 (misjuqa mill-attur) kienet qed tinsaq lejn it-Triq imsemmija u “… on stopping to check the oncoming traffic car number GVN 098 (misjuqa mill-konvenut) reversed and dashed into car number AAJ 238”.

Dwar il-premess issir referenza ghall-iskizz gja msemmi (fol 22 ibid) fejn hemm murija l-istess lokalita tal-incident, jidhru ukoll iz-zewg vetturi involuti kif ukoll diversi ohrajn, kif parkeggati. Pero, jinghad ukoll, li fuq l-istess skizz ma jidhirx is-sinjal ta’ ‘stop’ hawn fuq imsemmi aktarx mohbi mill-vetturi involuti jew wahda minnhom). Dwar dan l-attur waqt ix-xhieda tieghu (fol 24 u fol 68 et seq ibid) esebixxa ritratt bil-kulur (fol 29 ibid) u li fuqu hemm murija l-Pjazza msemmija fejn gara dan l-incident. Fuq dan ir-ritratt jidher car dan is-sinjal ta’ ‘stop’. Fl-istess xhieda hu rrefera ghal dan ir-ritratt u spjega li hu kien gej, fuq il-vettura misjuqa minnu ‘…. Mit-triq li tidher fil-faccata, ….. u waqaft fejn hemm is-sinjal ‘stop’. Hu kien innota illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ukoll wieqfa fuq l-istess sinjal “.. pero thares il-fuq” ossija “.. wiccu l-fuq”. Sussegwentement, hu ikkorrega ruhu u specifika li l-vettura misjuqa minnu ma kienetx wieqfa fuq l-istess sinjal izda kien di gja oltrepassa dan is-sinjal u l-vettura l-ohra u kien ‘… wieqaf sabiex nohrog fuq it-Triq Pietru Xuereb”. Kif kien hemm wieqaf hu sema’ “…. Hoss ta’ bumm” u ra li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet laqtet tieghu” fuq in-naha tal-passigier ossija in-naha tax-xellug”.

L-attur kien akkumpanjat minn martu. Jigi notat li l-attur semma li l-vettura tal-konvenut kellha l-mera fuq ix-xellug li kienet 'maghluqa". Antonia Xuereb (fol 27 ibid) semmiet illi' minn warajna irriversja l- karozza ohra u laqtitna' fuq il-bieba fuq in-naha tax-xellug waqt li irrimarkat illi kienet indunat bil-vettura in kwistjoni "…. Meta din giet riversjata u giet ghal fuqna' ossija ' … mad-daqqa biss". Meta riprodott in kontro ezami u dan madwar tlett snin wara l-esami tieghu, l-attur bidel, ghal darba ohra, dak li kien di gja xehed fis-sens u dan testwalment "jien din l-I'stop sign" ma kontx qbistha bil-karozza tieghi".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 39 et seq ibid) li kien qed jsur karozza governattiva u kien akkumpanjat minn Victor Filletti (fol 46 u fol 47 ibid), kien iddecieda li jidhol fl-imsemmija Pjazza sabiex hawnhekk jkun jista' jdawwar. Mid-dehra kif appena dahal fl-sitess Pjazza, hu waqaf sabiex jindjetregga. Ghalhekk hu hares quddiemu u dawwar rasu lura sabiex jara jekk kienx hemm xi vettura ohra. Dwar dan hu xehed testwalment " Waqt li kont qed nirriversja, jiena dawwart wicci lura. Kif appena mxejt pied u nofs, is-Sur Victor Filletti gibidli l-attenzjoni li konna f'kuntatt ma ohra …..' u difatti ra li kien hemm karozza ohra fuq ix-xellug tieghu u li kien laqatha f'nofs il-bieba tax-xellug. In rigward Victor Filletti, dan sema' li l-konvenut kien qed jindjetregga bil-mod sakemm saret il-habta u wara li din grat hu kien ra illi fuq il-karozza misjuqa mill-attur, kien hemm hsara 'zghira' waqt li fuq dik governattiva, ma kien hemm ebda hsara.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evdienti illi, waqt li l-attur ma ghandu ebda responsabilta ghal dan l-incident, l-istess incident gie kagunat mill-manuvra li kien qed jesegwixxi l-konvenut minghajr id-debita attenzjoni. Difatti hu probabbli li l-konvenut ma kienx ta' kaz jekk kienx hemm vettura ohra fuq in-naha tax-xellug tieghu u ghalhekk waqt li kien qed jindjetregga, laqat il-karozza tal-attur li kienet

wieqfa sakemm l-istess attur jara li jista' jidhol f'Triq Pietru Xuereb.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni issir, referenza ghal ritratt iehor bil-kulur li fuqu hemm murija id-daqqa fuq il-vettura tal-attur (fol 29 ibid) kif ukoll ghax-xhieda ta' Gabriella Baldacchino u d-dokumenti esebiti mill-istess xhud (fol 31 sa fol 37 ibid). Mill-istess dokumenti (ara fol 33 ibid) jirrisulta li l-ammont pretiz fl-avviz kien thallas lill-attur bhala pagament 'in surroga'. Jigi, pero' notat li l-ammont ta' 'excess' ammontanti ghal Lm25 ma giex mitlub fl-avviz in esami.

Illi, konsiderat illi l-istess ammont pretiz risultanti mid-dokumenti msemmija, ma hux 'esagerat' fil-fehma tal-Qorti u tenut li l-istess ammont ma giex kontestat permezz ta' xi prova kontrarja, it-talba attrici ghandha tigi akkolta 'in toto".

Ghal dawn il-motifi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident u dan minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm290.34 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm290.34,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes, il-Qorti ma tarax li ghandha tordna lill-konvenut sabiex jhallas dawk in rigward konsult ammontanti ghal Lm10" u dan fin-nuqqas ta' xi prova dwar dan. Ghalhekk l-istess Qorti tikkundanna l-konvenut sabiex jhallas l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 1998 izda mhux dawk mitluba in rigward l-imsemmi "konsult".

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------